IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.5.2022
C(2022) 2918 final

ANNEX 2

# ANNESS

**ta' [...]**

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

**Approvazzjoni għal kontenut ta' abbozz għal Regolament tal-Kummissjoni (UE) [Nru [X]/2023 ta' [X] 2023] li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi**

MT MT

## ANNESS IL-FORMULA LI TIRIGWARDJA IN-NOTIFIKA TA' KONĊENTRAZZJONI BIS-SAĦĦA TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 139/2004

## (FORMOLA CO)

### INTRODUZZJONI

### A. L-iskop tal-Formola CO

(1) Din il-Formola CO tispeċifika l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-partijiet notifikanti meta jippreżentaw notifika ta’ proposta ta’ amalgamazzjoni, akkwiżizzjoni jew xi konċentrazzjoni oħra lill-Kummissjoni Ewropea. Is-sistema ta’ kontroll tal-fużjonijiet tal-Unjoni Ewropea hija stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004[1] u fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) [Nru [X]/2023 ta’ [X] 2023] li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta’ konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir- “Regolament ta’ Implimentazzjoni”)[2], li miegħu hija annessa din il-Formola CO. Tajjeb li tkun taf bid-dispożizzjonijiet ekwivalenti tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[3] (“il-Ftehim ŻEE”).

### B. Kuntatti ta’ qabel in-notifika u talbiet għal rinunzja

#### 1. TIPI TA’ INFORMAZZJONI MITLUBA MILL-FORMOLA CO

(2) Il-formola CO teħtieġ l-informazzjoni li ġejja:

(a) informazzjoni bażika li fil-prinċipju hija meħtieġa għall-valutazzjoni tal-konċentrazzjonijiet kollha (Taqsimiet 1–10);

(b) informazzjoni dwar l-effiċjenzi (Taqsima 11);

(c) informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f’każijiet li jinvolvu impriżi konġunti (Taqsima 12).

(3) L-informazzjoni mitluba fit-Taqsimiet 1–10 fil-prinċipju trid tiġi pprovduta fil-każijiet kollha u għalhekk hija rekwiżit għal notifika kompluta. It-Taqsima 11 teħtieġ informazzjoni dwar l-effiċjenzi tat-tranżazzjoni notifikata li l-partijiet notifikanti jistgħu jissottomettu jekk jixtiequ li l-Kummissjoni tikkunsidra mill-bidu kwalunkwe pretensjoni ta’ effiċjenza. It-Taqsima 12 trid timtela fil-każ kollha ta’ impriża konġunta; f’dawn il-każijiet, dik l-informazzjoni hija rekwiżit għal notifika kompluta.

#### 2. INFORMAZZJONI LI MHIJIEX RAĠONEVOLMENT DISPONIBBLI

(4) F’ċirkostanzi eċċezzjonali, biċċiet speċifiċi ta’ informazzjoni meħtieġa minn din il-Formola CO jistgħu ma jkunux disponibbli b’mod raġonevoli għall-partijiet notifikanti parzjalment jew kollha kemm huma (eż., minħabba li l-informazzjoni dwar kumpanija fil-mira ma tkunx disponibbli f’każ ta’ offerta kkontestata). F’dak il-każ, il-partijiet li jissottomettu jistgħu

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta’ Jannar 2004 dwar il-kontroll ta’ konċentrazzjonijiet bejn impriżi (‘ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet’) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

[2] ĠU L, [X], [X].[X].[X], p. [X].

[3] Ara b’mod partikolari l-Artikolu 57 tal-Ftehim ŻEE, l-ewwel punt tal-Anness XIV għall-Ftehim ŻEE, il-Protokolli 21 u 24 għall-Ftehim ŻEE, kif ukoll il-Protokoll 4 għall-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta’ Awtorità ta’ Sorveljanza u ta’ Qorti tal-Ġustizzja (minn hawn ‘il quddiem imsejħa l-“Ftehim ta’ Sorveljanza u Qorti”). Kwalunkwe referenza għall-Istati tal-EFTA trid tinftiehem li tfisser dawk l-Istati tal-EFTA li huma Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE. Mill- 1 ta’ Mejju 2004, dawn l-Istati huma l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

jitolbu lill-Kummissjoni biex teżenta mill-obbligu li tipprovdi l-informazzjoni rilevanti jew kwalunkwe rekwiżit ieħor fil-Formola CO relatat ma' din l-informazzjoni. It-talba għandha titressaq skont l-istruzzjonijiet fit-taqsima B.4.

## 3. INFORMAZZJONI LI MHIJIEX MEĦTIEĠA GĦALL-EŻAMI TAL-KAŻ MILL-KUMMISSJONI

(5) Skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' teżenta mill-obbligu li tiġi pprovduta xi informazzjoni partikolari fil-Formola CO, inklużi dokumenti, jew minn kalunkwe rekwiżit ieħor fejn il-Kummissjoni tqis li l-konformità ma' dawn l-obbligi jew ħtiġijiet ma tkunx neċessarja għall-eżami tal-każ.

(6) Għalkemm meħtieġ għall-eżami mill-Kummissjoni ta' ċerti każijiet, f'każijiet oħra l-Artikolu 4(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni jkun japplika b'mod partikolari għall-informazzjoni msemmija fit-taqsimiet 3.4, 3.5, 3.6, u 3.7 u t-Taqsima 10 ta' din il-Formola CO.

(7) F'dak il-każ, il-partijiet li jissottomettu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex teżenta mill-obbligu li tipprovdi l-informazzjoni rilevanti jew kwalunkwe rekwiżit ieħor fil-Formola CO relatat ma' din l-informazzjoni. Din it-talba għandha titressaq skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima B.4..

## 4. KUNTATTI TA' QABEL IN-NOTIFIKA U TALBIET GĦAL RINUNZJA

(8) Il-partijiet notifikanti huma mistiedna jidħlu f'diskussjonijiet ta' qabel in-notifika fil-każijiet normali kollha fuq il-bażi ta' abbozz tal-Formola CO. Il-possibbiltà li wieħed jidħol f'kuntatti ta' qabel in-notifika huwa servizz offrut mill-Kummissjoni lill-partijiet notifikanti fuq bażi volontarja sabiex jitħejjew il-proċedimenti ta' rieżami formali tal-fużjoni. Għalhekk, filwaqt li mhumiex obbligatorji, il-kuntatti ta' qabel in-notifika jistgħu jkunu ta' valur kbir kemm għall-partijiet notifikanti kif ukoll għall-Kummissjoni meta jiġu biex jiddeterminaw l-ammont eżatt ta' informazzjoni meħtieġa f'Formola CO fil-parti l-kbira tal-każijiet, dan iwassal sabiex tonqos sew l-informazzjoni meħtieġa.

(9) Matul il-kuntatti ta' qabel in-notifika, il-partijiet notifikanti jistgħu jissottomettu talbiet għal rinunzji. Il-Kummissjoni se tikkunsidra talbiet għal rinunzja sakemm tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-partijiet notifikanti jagħtu raġunijiet adegwati għaliex l-informazzjoni rilevanti ma tkunx disponibbli b'mod raġonevoli u jipprovdu l-aħjar stimi għad-data nieqsa, filwaqt li jidentifikaw is-sorsi għal dawn l-istimi. Fejn ikun possibbli, il-partijiet notifikanti għandhom jindikaw fejn kwalunkwe mill-informazzjoni mitluba li ma tkunx disponibbli tinkiseb mill-Kummissjoni jew mill-Istat (i) Membru/i tal-EFTA;

(b) il-partijiet notifikanti jagħtu raġunijiet adegwati għaliex l-informazzjoni rilevanti mhix meħtieġa għall-eżami tal-każ.

(10) It-talbiet għal rinunzja għandhom isiru fl-abbozz tal-Formola CO nnifisha (fil-bidu tat-Taqsima jew is-sottotaqsima rilevanti). Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni ("DĠ Kompetizzjoni") tal-Kummissjoni se jittratta t-talbiet għal rinunzja fil-kuntest tar-rieżami tal-abbozz tal-Formola CO. Id-DĠ Kompetizzjoni normalment ikun jeħtieġ ħamest ijiem ta' xogħol qabel ma jwieġeb għal talba għal rinunzja.

(11) Biex jiġi evitat kwalunkwe dubju, il-fatt li l-Kummissjoni setgħet aċċettat li kwalunkwe informazzjoni partikolari mitluba minn din il-Formola CO tista titneħħa min-notifika magħmula bl-użu tal-Formola CO bl-ebda mod ma jżomm lill-Kummissjoni milli titlob dik

l-informazzjoni partikolari matul il-proċedimenti, b'mod partikolari billi titlob l-informazzjoni skont l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

(12) Il-partijiet notifikanti jistgħu jirreferu għall-"Best Practices on the conduct of EC merger control proceedings" kif ippubblikati fuq il-websajt tad-DĠ Kompetizzjoni u aġġornati minn żmien għall-żmien, li jipprovdu gwida dwar il-kuntatti ta' qabel n-notifika u t-tħejjija tan-notifiki.

## C. Ir-rekwiżit għal notifika korretta u sħiħa

(13) Kif spjegat fit-taqsima B.1., l-informazzjoni mitluba fit-Taqsimiet 1-10 fil-prinċipju trid tiġi pprovduta fil-każijiet normali kollha[4] u għalhekk hija rekwiżit għal notifika kompluta. L-informazzjoni rikjesta kollha trid tiġi pprovduta fit-taqsima xierqa tal-Formola CO u trid tkun korretta u kompluta.

(14) B'mod partikolari għandek tkun taf li:

(a) Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 5(2) u (4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, il-limiti ta' żmien tar-Regolament dwar l-Għaqdiet marbutin man-notifika ma jibdewx jgħoddu sakemm l-informazzjoni kollha pprovduta man-notifika tkun waslet għand il-Kummissjoni. Dan ir-rekwiżit għandu l-għan li jara li l-Kummissjoni tista' tivvaluta l-konċentrazzjoni notifikata fil-limiti ta' żmien stretti stipulati mir-Regolament dwar l-Għaqdiet;

(b) Meta jħejju n-notifika tagħhom, il-parti jew partijiet notifikanti jridu jaraw li l-ismijiet u n-numri ta' kuntatt, u b'mod partikolari l-indirizzi tal-posta elettronika pprovduti lill-Kummissjoni huma preċiżi, relevanti u aġġornati;

(c) skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, informazzjoni skorretta jew qarrieqa fin-notifika titqies bħala informazzjoni mhux kompluta;

(d) Id-dettalji ta' kuntatt iridu jiġu pprovduti f'format ipprovdut mid-DĠ Kompetizzjoni fuq il-websajt tiegħu[5]. Għal proċess investigattiv xieraq, importanti li d-dettalji ta' kuntatt ikunu preċiżi. Għal dan il-għan, jekk jogħġbok kun żgur li l-indirizzi tal-email ipprovduti jkunu personalizzati u attribwiti lil persuni ta' kuntatt speċifiċi u li dawn ma jkunux kaxxi postali ġenerali tal-kumpanija (eż., info@, hello@). Il-Kummissjoni tista' tiddikjara n-notifika bħala mhux kompluta abbażi ta' dettalji ta' kuntatt mhux xierqa;

(e) skont l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004, partijiet notifikanti li, intenzjonalment jew b'negliġenza, jipprovdu informazzjoni mhux korretta jew qarrieqa, jistgħu jġarrbu multi sa 1 % tal-fatturat aggregat tal-impriża kkonċernata. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 6(3)(a) u l-Artikolu 8(6)(a) tar-Regolament dwar l-għaqdiet, il-Kummissjoni tista' tirrevoka d-deċiżjoni tagħha dwar il-kompatibbiltà ta' konċentrazzjoni notifikata meta din tkun ibbażata fuq informazzjoni mhux korretta li għaliha hija responsabbli waħda mill-impriżi.

4 U t-Taqsima 12 f'każijiet li jinvolvu impriżi konġunti.

5 Jekk jogħġbok ara: https://ec.europa.eu/competition-policy/mergers/practical-information_en.

## D. Kif tinnotifika

(15) L-informazzjoni meħtieġa minn din il-Formola CO għandha tingħatabilli jintużaw it-taqsimiet u n-numri tal-paragrafi tal-Formola CO, tiġi ffirmata dikjarazzjoni kif stipulat fit-Taqsima 13, u tinhemeż id-dokumentazzjoni ta' appoġġ. Meta l-informazzjoni meħtieġa minn taqsima waħda tikkoinċidi parzjalment (jew kompletament) mal-informazzjoni meħtieġa minn taqsima oħra, din l-istess informazzjoni ma għandhiex tiġi sottomessa darbtejn għalkemm għandu jintuża kontroreferenzjar preċiż.

(16) Il-Formola CO trid tiġi ffirmata minn persuni awtorizzati bil-liġi li jaġixxu f'isem kull parti notifikanti jew minn rappreżentant jew rappreżentanti esterni awtorizzati tal-parti jew partijiet notifikanti. Id-dokumenti ta' prokura korrispondenti jridu jiġu mehmuża mal-Formola CO. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-istruzzjonijiet dwar in-notifiki (inklużi l-firem) jistgħu jinstabu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(17) Meta jimlew it-Taqsimiet 6, 8, 9 u 10 ta' din il-Formola CO, il-partijiet notifikanti huma mistiedna jikkunsidraw jekk, għall-fini ta' ċarezza, ikunx aħjar li dawn it-taqsimiet jiġu ppreżentati f'ordni numeriku, jew jekk jistgħux jinġabru fi grupp wieħed flimkien għal kull suq individwali affettwat (jew grupp ta' swieq affettwati).

(18) Għall-fini ta' ċarezza, xi informazzjoni tista' titqiegħed f'annessi. Madankollu, huwa essenzjali li l-biċċiet sostantivi importanti kollha tal-informazzjoni, u b'mod partikolari l-informazzjoni dwar is-sehem mis-suq għall-partijiet u l-ikbar kompetituri tagħhom, jiġu ppreżentati fit-test ewlieni tal-Formola CO. L-annessi għal din il-Formola CO għandhom jintużaw biss biex iżidu mal-informazzjoni pprovduta fil-Formola CO innifisha.

(19) Dokumenti b'appoġġ għandhom ikunu ippreżentati fil-lingwa oriġinali tagħhom; meta din ma tkunx lingwa uffiċjali tal-Unjoni, dawn għandhom ikunu tradotti fil-lingwa tal-proċediment (l-Artikolu 3(4) tar-Regolament ta' l-Implementazzjoni).

(20) Id-dokumenti ta' sostenn jistgħu jkunu kopji tal-oriġinali. Fil-każ imsemmi l-aħħar, il-parti notifikanti trid tikkonferma li huma veri u sħaħ.

## E. Kunfidenzjalità u *Data* Personali

(21) L-Artikolu 339 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") u l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 kif ukoll id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Ftehim ŻEE[6] jeħtieġu li l-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-Istati tal-EFTA, l-uffiċjali tagħhom u ħaddiema oħrajn ma jiddivulgawx informazzjoni li kisbu permezz tal-applikazzjoni tar-Regolament tat-tip kopert mill-obbligu ta' segretezza professjonali. L-istess prinċipju jrid japplika wkoll biex tiġi protetta l-kunfidenzjalità bejn il-partijiet notifikanti.

(22) Jekk taħseb li l-interessi tiegħek ikunu milqutin ħażin jekk xi parti mill-informazzjoni li int mitlub tipprovdi tiġi ppubblikata jew divulgata b'xi mod ieħor lil partijiet oħrajn, issottometti din l-informazzjoni b'mod separat b'kull paġna mmarkata b'mod ċar "Sigrieti Kummerċjali". Għandek tagħti wkoll raġunijiet għaliex din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi ddivulgata jew ippubblikata.

[6] B'mod partikolari għandek tara l-Artikolu 122 tal-Ftehim ŻEE, l-Artikolu 9 tal-Protokoll 24 għall-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 17(2) tal-Kapitolu XIII tal-Protokoll 4 għall-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja (il-Ftehim ESA).

(23) Fil-każ ta' għaqdiet jew akkwiżizzjonijiet konġunti, jew f'każijiet oħrajn li fihom in-notifika timtela minn iktar minn waħda mill-partijiet, is-sigrieti kummerċjali jistgħu jiġu sottomessi b'qoxra separata, u tista' ssir referenza għalihom fin-notifika bħala anness. Sabiex notifika titqies kompluta, dawn l-annessi kollha għandhom jiġu inklużi fin-notifika.

(24) Kull *data* personali ppreżentata f'din il-Formola CO se tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 t'Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċji u aġenziji tal-Unjoni, u li tħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.[7]

## F. Definizzjonijiet u istruzzjonijiet għall-iskopijiet ta' din il-Formula CO

(25) Għall-finijiet ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) Parti(jiet) għal konċentrazzjoni jew il-"parti/jiet": dawn it-termini jirrigwardjaw kemm lill-partijiet li jakkwistaw u wkoll dawk il-partijiet akkwistati, jew għall-partijiet tal-fużjoni, inklużi l-impriżi kollha li fihom interess ta' kontroll ikun qiegħed jiġi akkwistat jew li huma s-suġġett ta' offerta pubblika. Ħlief fejn speċifikat xorta oħra, t-termini "parti/jiet li tinnotifika/jinnotifikaw" u "parti/jiet għall-konċentrazzjoni" inkluż l-impriżi kollha li jappartjenu għall-istess grupp bħal dawk il-"partijiet".

(b) Suq rilevanti tal-prodott: Suq tal-prodotti relevanti li jinvolvi dawk il-prodotti u/jew servizzi kollha l-oħrajn li jitqiesu bħala interkambjabbli jew sostitwibbli mill-konsumatur, minħabba l-karatteristiċi tal-prodotti, il-prezzijiet tagħhom u l-użu maħsub tagħhom. F'ċerti każijiet, suq tal-prodotti relevanti jista' jkun imsawwar minn għadd ta' prodotti u/jew servizzi individwali li jippreżentaw karatteristiċi fiżiċi u tekniċi fil-parti l-kbira identiċi u li huma interkambjabbli. Il-fatturi relevanti għall-valutazzjoni tas-suq tal-prodotti relevanti jinkludu l-analiżi ta' għaliex il-prodotti jew is-servizzi f'dawn is-swieq huma inklużi u għaliex oħrajn huma esklużi billi tintuża d-definizzjoni, u wara li titqies, pereżempju, is-sostitwibbiltà tal-prodotti u s-servizzi, il-prezzijiet, l-elastiċità bejn prezz u ieħor tad-domanda jew fatturi relevanti oħrajn (bħas-sostitwibbiltà min-naħa tal-provvista f'każijiet xierqa).

(c) "Suq ġeografiku rilevanti": Is-suq ġeografiku rilevanti jinkludi ż-żona li fiha l-impriżi konċernati huma involuti fil-fornitura u d-domanda ta' oġġetti jew servizzi rilevanti, li fiha l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni huma omoġenji biżżejjed, u jistgħu jkunu distinti minn żoni ġeografiċi ġirien għaliex, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni huma sinifikattivament differenti f'dawk iż-żoni. Il-fatturi relevanti għall-valutazzjoni tas-suq ġeografiku relevanti jinkludu, fost l-oħrajn, t-tip u l-karatteristiċi tal-prodotti jew is-servizzi kkonċernati, l-eżistenza ta' ostakli għad-dħul, il-preferenzi tal-konsumaturi, id-differenzi apprezzabbli fl-ishma mis-suq tal-impriżi bejn żoni ġeografiċi ġirien jew differenzi sostanzjali fil-prezzijiet.

(d) Trikkib orizzontali: Konċentrazzjoni twassal għal trikkib orizzontali meta l-partijiet għall-konċentrazzjoni jkunu involuti f'attivitajiet kummerċjali fl-istess suq (swieq)

[7] ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39. Ara wkoll l-istqarrija ta' privatezza relatata mal-investigazzjonijiet dwar l-Għaqdiet fuq https://ec.europa.eu/competition-policy/index/privacy-policy-competition-investigations_en.

tal-prodott u ġeografiku/ġeografiċi rilevanti (inkluż l-iżvilupp ta' prodotti li qed jiġu żviluppati[8])[9].

(e) "Relazzjoni mhux orizzontali": Konċentrazzjoni tagħti lok għal relazzjoni mhux orizzontali meta l-attivitajiet tal-partijiet fil-konċentrazzjoni jkunu f'relazzjoni li ma tkunx sovrapożizzjoni orizzontali.

(f) "Relazzjoni vertikali": Konċentrazzjoni tagħti lok għal relazzjonijiet vertikali meta parti waħda jew aktar għall-konċentrazzjoni jkunu involuti f'attivitajiet ta' negozju f'suq ta' prodott li jkun upstream jew downstream minn suq ta' prodott li fih tkun involuta kwalunkwe parti oħra għall-konċentrazzjoni (inkluż l-iżvilupp ta' prodotti li qed jiġu żviluppati.[10]

(g) Is-swieq affettwati: Is-swieq affettwati huma s-swieq ġeografiċi u tal-prodotti rilevanti kollha, kif ukoll is-swieq ġeografiċi u tal-prodotti rilevanti alternattivi plawżibbli, fejn l-attivitajiet tal-partijiet jikkoinċidu orizzontalment jew huma relatati vertikalment u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għal rieżami skont il-punt 5 tal-Avviż dwar il-Proċedura Simplifikata[11] u ma jibbenefikawx mill-klawżoli ta' flessibbiltà tal-punt 8 tal-Avviż dwar il-Proċedura Simplifikata.

(26) Id-*data* finanzjarja mitluba fit-Taqsima 4 trid tiġi pprovduta f'euro bir-rati tal-kambju medji prevalenti fis-snin jew il-perjodi l-oħrajn inkwistjoni.

## G. Id-deskrizzjoni tad-*data* ekonomika kwantitattiva miġbura mill-impriżi kkonċernati

(27) F'din il-Formola CO, iddeskrivi fil-qosor id-*data* li kull waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni tiġbor u taħżen fil-kors normali tal-operazzjonijiet tan-negozju tagħha u li tista' tkun utli għal analiżi ekonomika kwantitattiva.

Id-deskrizzjoni tad-*data* għandha tinkludi, b'mod partikolari, informazzjoni dwar:

(a) it-tip ta' tali *data* (informazzjoni dwar bejgħ jew offerti, marġini ta' profitt, dettalji tal-proċess ta' akkwist, eċċ.);

(b) il-livell ta' diżaggregazzjoni (għal kull pajjiż, għal kull prodott, għal kull klijent, għal kull kuntratt, eċċ.);

(c) il-perjodu ta' żmien li għalih id-*data* hija disponibbli u l-format;

(d) is-sors tad-*data* (pereżempju, softwer tal-Ġestjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti (CRM), jew sett ta' *data* mixtri minn fornituri esterni, eċċ.).

(28) Barra minn hekk, jekk jogħġbok iddeskrivi l-użu tad-*data* fil-kors normali tan-negozju. B'mod partikolari, jekk jogħġbok iddeskrivi, jekk rilevanti, is-settijiet ta' *data* interni prodotti abbażi tad-*data* ta' hawn fuq, kif ukoll it-tip ta' prodotti u analiżi ta' rapportar intern, bħall-istrateġija tan-negozju, il-pjanijiet ta' kummerċjalizzazzjoni, il-pjanijiet ta'

---

8 Il-prodotti tal-pajpijiet huma prodotti (jew servizzi) li l-impriżi beħsiebhom iġibu fis-suq fuq perjodu ta' żmien qasir jew medju.

9 Trikkib orizzontali li jinvolvi prodotti li qed jiġu żviluppati jinkludi trikkib bejn prodotti li qed jiġu 'żviluppati u trikkib bejn prodott (i) kummerċjalizzat wieħed jew aktar u prodott (i) wieħed jew aktar li qed jiġu żviluppati.

10 Ir-relazzjonijiet vertikali li jinvolvu prodotti li qed jiġu żviluppati jinkludu relazzjonijiet bejn prodotti li qed jiġu żviluppati u relazzjonijiet bejn prodott (i) kummerċjalizzat (i) wieħed jew aktar u prodott (i) li qed jiġu żviluppati wieħed jew aktar.

11 In-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għal trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (ĠU C [X], [X].[X].[X], p. [X]) (l- 'Avviż dwar il-Proċedura Simplifikata').

investiment, l-intelligence tas-suq u l-monitoraġġ tal-kompetituri (eż., tqabbil bejn il-prodotti/servizzi u l-prodotti li qed jiġu żviluppati ta' parti waħda għall-konċentrazzjoni u dawk tal-kompetituri ewlenin tagħha jew bejn dawk tal-partijiet għall-konċentrazzjoni; l-istrateġija u l-pożizzjoni tal-kompetituri; jew analiżijiet SWOT[12]).

(29) L-informazzjoni mitluba skont din it-taqsima trid tiġi pprovduta fil-Formola CO biex titqies kompluta.

(30) Għal iktar tagħrif, il-partijiet tal-konċentrazzjoni jistgħu jirreferu għal "Best Practices for the submission of economic evidence and data collection in cases concerning the application of articles 101 and 102 TFEU and in merger cases" tad-DĠ Kompetizzjoni, kif ippubblikati fuq il-websajt tad-DĠ Kompetizzjoni u aġġornati minn żmien għall-żmien.

## H. Il-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-Kummissjoni u awtoritajiet oħrajn tal-kompetizzjoni

(31) Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-partijiet fil-konċentrazzjoni biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-Kummissjoni u awtoritajiet oħrajn tal-kompetizzjoni li janalizzaw l-istess konċentrazzjoni. Mill-esperjenza tal-Kummissjoni, kooperazzjoni tajba bejn il-Kummissjoni u awtoritajiet tal-kompetizzjoni f'ġurisdizzjonijiet barra ż-ŻEE ġġib magħha benefiċċji sostanzjali għall-impriżi kkonċernati.

(32) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-partijiet fil-konċentrazzjoni sabiex jippreżentaw ir-rinunzji għall-kunfidenzjalità li jippermettu lill-Kummissjoni taqsam l-informazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn barra miż-ŻEE li jkunu qed janalizzaw l-istess konċentrazzjoni. Kull rinunzja tiffaċilita d-diskussjoni u l-analiżi konġunta ta' konċentrazzjoni permess li tippermetti lill-Kummissjoni taqsam informazzjoni relevanti ma' awtorità oħra għall-kompetizzjoni li tkun qed tanalizza l-istess konċentrazzjoni, inkluża informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali miksuba mill-impriżi kkonċernati. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-impriżi kkonċernati sabiex jużaw il-mudell tar-rinunzja tal-Kummissjoni, li huwa ppubblikat fuq il-websajt tad-DĠ Kompetizzjoni u aġġornat minn żmien għal żmien.

[12] SWOT tirreferi għall-analiżi tal- "Qawwiet, Dgħufijiet, Opportunitajiet u Theddid". Kwalunkwe metodu ieħor li juri x-xenarju kompetittiv ta' żona partikolari ta' prodott/innovazzjoni jaqa' taħt id-data mitluba wkoll.

# TAQSIMA 1

## ID-DESKRIZZJONI TAL-KONĊENTRAZZJONI

1.1. Ipprovdi sommarju eżekuttiv tal-konċentrazzjoni, fejn tispeċifika l-partijiet għall-konċentrazzjoni, it-tip tal-konċentrazzjoni (pereżempju, amalgamazzjoni, akkwiżizzjoni, jew impriża konġunta), l-oqsma ta' attività tal-partijiet għall-konċentrazzjoni, is-swieq li fihom il-konċentrazzjoni se tħalli impatt (inklużi s-swieq ewlenin affettwati[13]), u l-ħsieb strateġiku u ekonomiku wara l-konċentrazzjoni.

1.2. Ipprovdi sommarju (sa 500 kelma) tal-informazzjoni pprovduta fit-Taqsima 1.1. Dan is-sommarju jiġi ppubblikat fuq il-websajt tad-DĠ Kompetizzjoni wara notifika. Is-sommarju jrid jiġi abbozzat b'tali mod li ma jkun fih l-ebda informazzjoni kunfidenzjali jew sigrieti kummerċjali.

Eżempju (jekk jogħġbok ħassar għan-notifika)

*Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:*

*[Isem sħiħ tal-Kumpanija A] ([Isem qasir tal-kumpanija A], [Pajjiż tal-oriġini tal-Kumpanija A]), ikkontrollata minn [Kumpanija X]*
*[Isem sħiħ tal-Kumpanija B] ([Isem qasir tal-kumpanija B], [Pajjiż tal-oriġini tal-Kumpanija B]), ikkontrollata minn [Kumpanija Y]*

*[Il-kumpanija A] takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ/parzjali ta' [Kumpanija B] JEW*

*[Kumpanija A] tidħol f'fużjoni sħiħa skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (a) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet ma' [Kumpanija B] JEW*

*[Il-kumpanija A] u l- [Kumpanija B] jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal- [Kumpanija C].*

*Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' [Mezzi ta' implimentazzjoni tal-konċentrazzjoni, eż. mod ta' xiri ta' ishma/assi, eċċ].*

*L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:*

*a. għal [Kumpanija A]: [Deskrizzjoni qasira tal-attività, eż., sustanzi kimiċi diversifikati b'attivitajiet primarji fix-xjenzi agrikoli, plastik tal-prestazzjoni u sustanzi kimiċi, u prodotti u servizzi tal-idrokarburi u tal-enerġija].*

*b. għal [Kumpanija B]: [Deskrizzjoni qasira tal-attività, eż. teknoloġija bbażata fuq is-silikon u innovazzjoni b'attivitajiet primarji fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' polimeri u materjali oħra bbażati*

[13] Ara t-Taqsima 6 għal aktar informazzjoni dwar kif jiġu identifikati s-swieq affettwati.

*fuq il-kimika tas-silikon].*

## TAQSIMA 2

### L-informazzjoni dwar il-partijiet

2.1. Informazzjoni dwar partijiet tal-konċentrazzjoni[14]

Għal kull waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni, ipprovdi:

2.1.1. Isem ġuridiku tal-impriża.

2.1.2. l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, il-posta elettronika, il-pożizzjoni okkupata minn, il-persuna xierqa tal-kuntatt; l-indirizz mogħti għandu jkun indirizz għan-notifika li lilu jistgħu jiġu nnotifikati d-dokumenti u, b'mod partikolari, id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u dokumenti proċedurali oħra, u l-persuna ta' kuntatt mogħtija għandha titqies li hija awtorizzata li taċċetta n-notifika;

2.1.3. jekk jinħatar rappreżentant estern awtorizzat wieħed jew iktar tal-impriża, ir-rappreżentant jew rappreżentanti li lilhom jistgħu jiġu notifikati dokumenti u, b'mod partikolari, deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u dokumenti proċedurali oħrajn:

2.1.3.1. l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-posta elettronika ta' kull rappreżentant, u l-kariga okkupata minn kull wieħed minnhom; kif ukoll

2.1.3.2. l-oriġinali tal-provi bil-miktub li kull rappreżentant huwa awtorizzat jaġixxi (fuq il-bażi tal-mudell tal-Prokura li tinsab fuq i-websajt tad-DĠ Kompetizzjoni).

2.2. L-għamla tan-negozju tal-partijiet

Għal kull parti mill-konċentrazzjoni, iddeskrivi l-għamla tan-negozju tal-impriża.

[14] Dan jinkludi l-kumpanija li hija l-oġġett fil-każ ta' offerta kkontestata, f'liema każ għandhom jingħataw kemm jista' jkun dettalji.

## TAQSIMA 3

### Id-dettalji tal-konċentrazzjoni, is-sjieda u l-kontroll[15]

L-informazzjoni mfittxija f'din it-taqsima tista' tintwera bl-użu ta' organigramma jew dijagrammi biex tintwera l-istruttura tas-sjieda u l-kontroll tal-impriżi qabel u wara t-tlestija tal-konċentrazzjoni.

3.1. Iddeskrivi n-natura tal-konċentrazzjoni li qed tiġi nnotifikata b'referenza għall-kriterji rilevanti tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Avviż Ġurisdizzjonali Konsolidat tal-Kummissjoni[16]:

3.1.1. Identifika l-impriżi jew il-persuni li b'mod esklużiv jew konġunt jikkontrollaw kull waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni, direttament jew indirettament, u ddeskrivi l-istruttura tas-sjieda u l-kontroll ta' kull waħda mill-impriżi kkonċernati qabel tiġi kkompletata l-konċentrazzjoni.

3.1.2. Spjega jekk il-konċentrazzjoni proposta hijiex waħda minn dawn li ġejjin:

(a) amalgamazzjoni sħiħa;

(b) akkwiżizzjoni ta' kontroll esklużiv jew konġunt;

(c) kuntratt jew mezz ieħor ta' għoti ta' kontroll dirett jew indirett skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tar- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004;

(d) l-akkwiżizzjoni ta' kontroll konġunt f'impriża konġunta li taħdem bis-sħiħ skont it-tifsira tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, u jekk iva, spjega r-raġunijiet li għalihom l-impriża konġunta titqies li qed taħdem bis-sħiħ[17].

3.1.3. spjega kif se tiġi implimentata l-konċentrazzjoni (pereżempju permezz tal-konklużjoni ta' ftehim, bit-tnedija ta' offerti pubbliċi, eċċ.);

3.1.4. b'referenza għall-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004, spjega liema minn dawn seħħew fi żmien in-notifika:

(a) ġie konkluż ftehim,

(b) ġie akkwiżit interess kontrollanti,

(c) Ġiet imħabbra offerta pubblika jew l-intenzjoni li titnieda offerta pubblika;

(d) Il-partijiet għall-konċentrazzjoni wrew intenzjoni b'bona fede li jikkonkludu ftehim.

3.1.5. indika d-data mistennija ta' kwalunkwe avveniment importanti li għandu l-għan li jwassal biex il-konċentrazzjoni tiġi kompluta;

3.1.6. spjega l-istruttura tas-sjieda u l-kontroll ta' kull waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni wara t-tlestija tal-konċentrazzjoni.

3.2. Iddeskrivi l-ħsieb ekonomiku wara l-konċentrazzjoni.

---

15 Ara l-Artikoli 3(3) sa (5) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

16 Ara l-Avviż Ġurisdizzjonali Konsolidat tal-Kummissjoni fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ("Avviż Ġurisdizzjonali Konsolidat tal-Kummissjoni") (ĠU C 95, 16.4.2008, p. 1).

17 Ara t-Taqsima B IV tal-Avviż Ġuriżdizzjonali Konsolidat.

3.3. Għandhekk tistqarr il-valur tat-transazzjoni (il-prezz tax-xiri jew tal-valur tal-asi kollha involuti, skont ma jkun il-każ). speċifika jekk dan huwiex fil-forma ta' ekwità, flus kontanti, jew assi oħrajn).

3.4. Iddeskrivi kwalunkwe appoġġ finanzjarju jew appoġġ ieħor riċevut mingħand awtoritajiet pubbliċi minn kwalunkwe waħda mill-partijiet u t-tip u l-ammont ta' dan l-appoġġ. B'mod partikolari, jekk jogħġbok indika jekk xi waħda mill-partijiet għall-konċentrazzjoni kinitx il-benefiċjarju ta' għajnuna li hija jew kienet soġġetta għal proċedimenti ta' għajnuna mill-Istat tal-Unjoni.

3.5. Ipprovdi lista tal-ġuriżdizzjonijiet kollha barra ż-ŻEE fejn il-konċentrazzjoni ġiet jew se tiġi notifikata (qabel jew wara t-tlestija tal-konċentrazzjoni) u/jew qed tiġi investigata skont ir-regoli dwar il-kontroll tal-fużjonijiet. Għal kull ġurisdizzjoni, indika d-data (attwali jew mistennija) tan-notifika u, fejn applikabbli, identifika l-istadju tal-investigazzjoni.

3.6. Għall-partijiet fil-konċentrazzjoni agħti lista tal-impriżi kollha l-oħrajn li huma attivi fi swieq affettwati li fihom l-impriżi, jew il-persuni tal-grupp, għandhom b'mod individwali jew kollettiv 10 % jew iktar mid-drittijiet tal-vot, kapital azzjonarju maħruġ jew titoli oħrajn, fejn tidentifika d-detenturi u tiddikjara l-perċentwal miżmum.

3.7. Iddeskrivi jekk kompetitur wieħed jew aktar tal-partijiet għandhomx parteċipazzjoni azzjonarja sinifikanti bla kontroll (jiġifieri aktar minn 10 %) fi kwalunkwe waħda mill-partijiet għall-konċentrazzjoni. Indika l-perċentwal u d-drittijiet marbuta mal-parteċipazzjoni azzjonarja. Agħti dettalji dwar l-akkwiżizzjonijiet li saru tul l-aħħar tliet snin mill-gruppi identifikati fit-Taqsima 2.1. ta' impriżi attivi fis-swieq affettwati.

## TAQSIMA 4

### DĦUL

Għal kull waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni, agħti d-*data* li ġejja għas-sena finanzjarja li għaddiet[18]:

4.1. dħul min-negozju dinji;

4.2. fatturat fl-UE;

4.3. fatturat fiż-ŻEE (l-UE u l-EFTA);

4.4. fatturat f'kull Stat Membru (indika l-Istat Membru, jekk hemm xi wieħed, li fih jinkiseb iktar minn żewġ terzi tal-fatturat madwar l-UE);

4.5. fatturat fl-EFTA;

4.6. fatturat f'kull Stat tal-EFTA (indika l-Istat Membru, jekk hemm xi wieħed, li fih jinkiseb iktar minn żewġ terzi tal-fatturat madwar l-EFTA; Indika wkoll jekk il-fatturat f'daqqa tal-impriżi ikkonċernati fit-territorju tal-Istati EFTA ikunx egwali għal 25 % jew aktar tan-negozju globali totali tagħhom fit-territorju ŻEE).

Id-data dwar il-fatturat għandha tiġi pprovduta billi timtela t-tabella mudell tal-Kummissjoni li tinsab fuq il-websajt tad-DĠ Kompetizzjoni.

[18] Dwar il-kalkolu tal-fatturat ara l-Avviż Ġurisdizzjonali Konsolidat tal-Kummissjoni.

# TAQSIMA 5

## DOKUMENTAZZJONI TA' SOSTENN

Il-partijiet notifikanti jridu jipprovdu dan li ġej:

5.1. kopji tal-verżjonijiet finali jew tal-verżjonijiet l-iktar riċenti tad-dokumenti kollha li wasslu għall-konċentrazzjoni, kemm jekk bi ftehim bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni, l-akkwiżizzjoni ta' interess kontrollanti jew l-offerta pubblika;

5.2. f'każ ta' offerta pubblika, kopja tad-dokument tal-offerta. Jekk id-dokument tal-offerta ma jkunx disponibbli fil-ħin tan-notifika, trid tiġi pprovduta kopja tal-iktar dokument riċenti li juri l-intenzjoni li titnieda offerta pubblika u trid tiġi ppreżentata kopja tad-dokument tal-offerta malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn meta tintbagħat lill-azzjonisti;

5.3. indikazzjoni tal-paġna web, jekk ikun hemm, li fuqha jinsabu l-iktar rapporti u kontijiet annwali riċenti tal-partijiet fil-konċentrazzjoni, jew jekk dan l-indirizz fuq l-Internet ma jeżistix, kopji tal-aktar rapporti u kontijiet annwali riċenti tal-partijiet fil-konċentrazzjoni;

5.4. kopji tad-dokumenti li ġejjin, imħejjija minn kwalunkwe membru/i tal-bord ta' amministrazzjoni, tal-bord tad-diretturi jew tal-bord superviżorju, jew imħejjija għalihom jew riċevuti minnhom, skont kif applikabbli fid-dawl tal-istruttura ta' governanza korporattiva, jew il-persuna/i l-oħra li twettaq funzjonijiet simili (jew li lilha ġew delegati jew fdati funzjonijiet bħal dawn), jew il-laqgħa tal-azzjonisti:

(a) minuti tal-laqgħat tal-bord ta' amministrazzjoni, tal-bord tad-diretturi, tal-bord superviżorju u tal-laqgħa tal-azzjonisti li fihom tkun ġiet diskussa t-tranżazzjoni, jew siltiet minn dawk il-minuti relatati mad-diskussjoni tat-tranżazzjoni;

(b) analiżijiet, rapporti, studji, stħarriġ, preżentazzjonijiet u kwalunkwe dokument paragunabbli għall-iskop ta' valutazzjoni jew analiżi tal-konċentrazzjoni fir-rigward tal-ħsieb warajha (inklużi dokumenti fejn it-tranżazzjoni tiġi diskussa fir-rigward tal-akkwiżizzjonijiet alternattivi potenzjali), l-ishma mis-suq, il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni, il-kompetituri (attwali jew potenzjali), il-potenzjal għal tkabbir fil-bejgħ jew espansjoni fi swieq ta' prodotti jew ġeografiċi oħrajn, u/jew kundizzjonijiet ġenerali tas-suq;

(c) analiżijiet, rapporti, studji, stħarriġ u kwalunkwe dokument paragunabbli tal-aħħar sentejn għall-iskop tal-valutazzjoni ta' kwalunkwe wieħed mis-swieq[19] affettwati fir-rigward tal-ishma mis-suq, il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni, il-kompetituri (attwali jew potenzjali) u/jew il-potenzjal għal tkabbir fil-bejgħ jew espansjoni fi swieq ta' prodotti jew swieq ġeografiċi oħrajn.

Ipprovdi lista tad-dokumenti msemmija f'din it-taqsima 5.4, u fuq kull dokument indika d-data ta' tħejjija u l-isem u t-titlu tad-destinatarju/i.

---

[19] Ara t-Taqsima 6 għal aktar informazzjoni dwar kif jiġu identifikati s-swieq affettwati.

## TAQSIMA 6

### DEFINIZZJONIJIET TAS-SWIEQ

Is-swieq tal-prodotti u s-swieq ġeografiċi relevanti jservu biex jidentifikaw il-kamp ta' applikazzjoni li fi ħdanu trid tiġi vvalutata s-saħħa fis-suq tal-entità l-ġdida li tirriżulta mill-konċentrazzjoni[20]. Meta jippreżentaw is-swieq tal-prodotti u ġeografiċi relevanti, il-parti jew partijiet notifikanti jridu jissottomettu, minbarra kwalunkwe definizzjoni tas-swieq ta'prodotti u swieq ġeografiċi li jqisu relevanti, id-definizzjonijiet alternattivi plawżibbli kollha tas-swieq tal-prodotti u swieq ġeografiċi. Definizzjonijiet tas-swieq ġeografiċi u tal-prodotti plawżibbli alternattivi jistgħu jiġu identifikati fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni u s-sentenzi tal-Qrati tal-Unjoni u (b'mod partikulari fejn ma hemm l-ebda preċedenti mill-Kummissjoni jew tal-Qrati) b'referenza għar-rapporti tal-industriji, l-istudji tas-swieq u d-dokumenti interni tal-partijiet notifikanti.

6.1. Jekk jogħġbok iddiskuti d-definizzjonijiet tas-suq rilevanti kollha plawżibbli fejn il-konċentrazzjoni proposta tista' twassal għal swieq affettwati. Jekk jogħġbok spjega kif il-partijiet notifikanti jqisu li s-swieq tal-prodott u ġeografiċi rilevanti għandhom jiġu definiti.

6.2. Filwaqt li tqis id-definizzjonijiet tas-suq rilevanti plawżibbli kollha diskussi, jekk jogħġbok identifika kull suq affettwat[21] u pprovdi informazzjoni fil-qosor dwar l-attivitajiet tal-partijiet għall-konċentrazzjoni f'kull suq rilevanti plawżibbli. Jekk jogħġbok żid mat-tabelli kemm ringieli huma meħtieġa biex ikopru s-swieq plawżibbli kollha li tqis:

| Sommarju ta' Swieq Affettwati<br>Trikkib orizzontali: | | |
|---|---|---|
| Definizzjoni tas-suq tal-prodott | Definizzjoni tas-suq ġeografiku | Sehem mis-suq ikkombinat<br>[Identifika s-sena]<br>[Identifika l-metrika] |
| | | |
| | | |

| Sommarju ta' Swieq Affettwati<br>Relazzjonijiet Vertikali | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Suq upstream | | | Suq downstream | | |
| Definizzjoni tas-suq tal-prodott | Definizzjoni tas-suq ġeografiku | Sehem mis-suq ikkombinat<br>[Identifika s-sena]<br>[Identifika l-metrika] | Definizzjoni tas-suq tal-prodott | Definizzjoni tas-suq ġeografiku | Sehem mis-suq ikkombinat<br>[Identifika s-sena]<br>[Identifika l-metrika] |
| | | | | | |
| | | | | | |

20 Ara l-Att tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-għanijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Komunità (ĠU C 372, 9.12.1997, p. 5).

21 Matul il-kuntatti ta' qabel in-notifika, il-partijiet notifikanti għandhom jiżvelaw informazzjoni relatata mas-swieq kollha potenzjalment affettwati anki jekk fl-aħħar mill-aħħar jikkunsidraw li dawn is-swieq mhumiex affettwati, u minkejja li l-partijiet notifikanti jistgħu jieħdu opinjoni partikolari fir-rigward tal-kwistjoni tad-definizzjoni tas-suq.

6.3. Iddeskrivi l-prodott u l-firxa ġeografika skont id-definizzjonijiet alternattivi plawżibbli kollha ta' suq (fejn swieq bħal dawn jinkludu ż-ŻEE kollha jew parti minnha) minbarra s-swieq affettwati identifikati fit-Taqsima 6.2 li fihom l-operazzjoni notifikata jista' jkollha impatt importanti, pereżempju, fejn:

(a) xi waħda mill-partijiet għall-konċentrazzjoni għandha sehem mis-suq ikbar minn 20 % u xi parti oħra għall-konċentrazzjoni hija kompetitur potenzjali f'dak is-suq. Parti tista' titqies kompetitur potenzjali, b'mod partikolari, meta jkollha pjanijiet li tidħol fis-suq, jew meta tkun żviluppat jew ħadmet fuq dawn il-pjanijiet fl-aħħar tliet snin;

(b) xi waħda mill-partijiet għall-konċentrazzjoni hija preżenti f'suq tal-prodotti, li huwa suq ġar marbut mill-qrib ma' suq tal-prodotti li fih hemm xi parti oħra għall-konċentrazzjoni attiva, u l-ishma mis-suq individwali jew kombinati tal-partijiet fi kwalunkwe wieħed minn dawn is-swieq huma ta' 30 % jew iktar. Is-swieq tal-prodotti huma marbutin mill-qrib mas-swieq ġirien meta l-prodotti jkunu komplimentari ma' xulxin[22] jew meta jkunu jagħmlu parti minn firxa ta' prodotti li ġeneralment tinxtara mill-istess sett ta' klijenti għall-istess użu finali[23].

Biex sa mill-bidu nett il-Kummissjoni tkun tista' tqis l-impatt kompetittiv tal-konċentrazzjoni proposta fis-swieq identifikati f'din it-Taqsima 6, il-partijiet notifikanti huma mistednin jissottomettu l-informazzjoni fit-Taqsimiet 7 u 10 ta' din il-Formola CO anki fir-rigward ta' dawk is-swieq.

[22] Prodotti (jew servizzi) jissejħu komplimentari meta, pereżempju, l-użu (jew il-konsum) ta' prodott minnhom essenzjalment jimplika l-użu (jew il-konsum) tal-prodott l-ieħor, bħall-istejplers u l-istejpils, u l-printers u l-linka tal-printer.

[23] Eżempji ta' prodotti li jagħmlu parti minn firxa bħal din huma l-wiski u l-ġin mibjugħa f'bars u ristoranti, u materjali differenti għall-ippakkjar ta' ċerta kategorija ta' prodotti mibjugħa lill-produtturi tat-tali prodotti.

# TAQSIMA 7

## INFORMAZZJONI DWAR SWIEQ LI JAQGĦU TAĦT IL-PUNT 8 TAL-AVVIŻ DWAR PROĊEDURA SIMPLIFIKATA

**Għas-swieq li jaqgħu taħt il-punt 8 tal-Avviż dwar il-Proċedura Simplifikata, fil-prinċipju trid timtela biss it-taqsima 7. Madankollu, fejn kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fit-Taqsima II.C tal-Avviż dwar il-Proċedura Simplifikata tkun preżenti, il-klawżola ta' flessibbiltà normalment ma tiġix applikata.[24]. F'dan il-każ, it-Taqsimiet 6, 8, 9 u 10 ta' din il-formola għandhom jimtlew.**

7.1. Għal kull suq li jaqa' taħt il-punt 8 tal-Avviż dwar il-Proċedura Simplifikata, immarka l-kaxxi rilevanti hawn taħt.[25]

| |
|---|
| ☐Taħt id-definizzjonijiet tas-suq plawżibbli kollha, (i) is-sehem mis-suq ikkombinat tal-partijiet huwa ta' 20 % jew ogħla iżda jibqa' taħt il-25 % fi kwalunkwe suq rilevanti fejn l-attivitajiet tal-partijiet jikkoinċidu u (ii) l-ebda miċ-ċirkostanzi speċjali deskritti fit-taqsima II.C tal-Avviż dwar il-Proċedura Simplifikata mhuma preżenti. |
| ☐ Skont id-definizzjonijiet tas-suq plawżibbli kollha, is-sehem mis-suq ikkombinat tal-partijiet huwa ta' 20 % jew ogħla iżda jibqa' taħt il-25 % fi kwalunkwe suq rilevanti fejn l-attivitajiet tal-partijiet jikkoinċidu, u għalkemm waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi speċjali deskritti fit-taqsima II.C tal-Avviż dwar il-Proċedura Simplifikata huma preżenti, il-każ ma jqajjem l-ebda tħassib dwar il-kompetizzjoni għar-raġunijiet spjegati fis-subtaqsima 7.4. |
| ☐ Xejn miċ-ċirkostanzi deskritti fit-taqsima II.C tal-Avviż dwar il-Proċedura Simplifikata ma huma preżenti u l-ishma mis-suq individwali u kkombinati tal-partijiet kollha għall-konċentrazzjoni li huma involuti f'attivitajiet ta' negozju f'suq li huwa upstream jew downstream minn suq li fih tkun involuta kwalunkwe parti oħra għall-konċentrazzjoni (relazzjonijiet vertikali) jissodisfaw mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>• ☐ huma 30 % jew ogħla iżda jibqgħu taħt il-35 % fis-swieq upstream u downstream,<br>• ☐ huma inqas minn 50 % f'suq wieħed filwaqt li l-ishma tas-suq individwali u kombinati tal-partijiet kollha għall-konċentrazzjoni fis-swieq l-oħra kollha relatati vertikalment huma inqas minn 10 %. |
| ☐ Ċirkustanza waħda jew aktar deskritti fit-Taqsima II.C tal-Avviż dwar il-Proċedura Simplifikata huma preżenti, il-każ ma jqajjem l-ebda tħassib dwar il-kompetizzjoni għar-raġunijiet spjegati fit-Taqsima 7.4 u l-ishma mis-suq individwali u kkombinati tal-partijiet kollha għall-konċentrazzjoni li huma involuti f'relazzjonijiet vertikali jissodisfaw mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>• ☐ huma 30 % jew ogħla iżda jibqgħu taħt it-35 % fis-swieq upstream u downstream,<br>• ☐ huma inqas minn 50 % f'suq wieħed filwaqt li l-ishma tas-suq individwali u kombinati tal- |

[24] Avviż dwar Proċedura Simplifikata, punt 11.

[25] Jekk jogħġbok imla tabella waħda biss għas-swieq kollha li jaqgħu taħt il-punt 8 tal-Avviż dwar il-Proċedura Simplifikata, u mmarka l-kaxxi rilevanti (kollha).

partijiet kollha għall-konċentrazzjoni fis-swieq l-oħra kollha relatati vertikalment huma inqas minn 10 %.

7.2. Imla t-tabella ta' hawn taħt jekk il-konċentrazzjoni twassal għal trikkib orizzontali li jaqa' taħt il-punt 8 tal-Avviż dwar il-Proċedura Simplifikata. Għandek tirreplika t-tabella kemm-il darba tkun meħtieġ biex tkopri s-swieq plawżibbli kollha li tkun ikkunsidrajt:

| **Trikkib orizzontali — Ishma tas-suq** | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Preċedenti (jekk jogħġbok inkludi referenza għall-paragrafi rilevanti)** | **Suq tal-prodotti plawżibbli kkunsidrat** | **Suq ġeografiku plawżibbli kkunsidrat** | **Fornitur** | **Is-sena X -2** | | **Is-sena X -1** | | **Is-sena X** | |
| | | | | **Valur** | **Volum** | **Valur** | **Volum** | **Valur** | **Volum** |
| | | | Impriża kkonċernata 1 | **%** | **%** | **%** | **%** | **%** | **%** |
| | | | Impriża kkonċernata 2 | **%** | **%** | **%** | **%** | **%** | **%** |
| | | | Impriża kkonċernata 3 | **%** | **%** | **%** | **%** | **%** | **%** |
| | | | **Kombinat** | **%** | **%** | **%** | **%** | **%** | **%** |
| | | | Kompetitur 1 | **Timliex.** | | | | **%** | **%** |
| | | | Kompetitur 2 | | | | | **%** | **%** |
| | | | Kompetitur 3 | | | | | **%** | **%** |
| | | | Oħrajn | | | | | **%** | **%** |
| | | | Totali | **100 %** | **100 %** | **100 %** | **100 %** | **100 %** | **100 %** |
| | | | Id-daqs tas-suq | **EUR** | | **EUR** | | **EUR** | |
| **Iddeskrivi l-attivitajiet tal-partijiet f'dan is-suq:** | | | | | | | | | |
| **Ipprovdi aktar dettalji hawnhekk (b'mod partikolari jekk ma hemm l-ebda preċedent, għandek tipprovdi l-fehmiet tal-partijiet dwar id-definizzjoni tas-suq tal-prodott/ġeografiku)]:** | | | | | | | | | |
| **Metriċi, sorsi u metodoloġija segwiti għall-kalkolu tas-sehem mis-suq. Jekk il-valur u l-volum mhumiex l-aktar metriċi komuni għall-kalkolu tas-sehem tas-suq fis-swieq rilevanti, għandek tipprovdi ishma tas-suq ibbażati fuq metriċi alternattivi u tispjega.** | | | | | | | | | |
| **Ipprovdi d-dettalji ta' kuntatt tal-Kompetitur 1, il-Kompetitur 2, u l-Kompetitur 3 fil-format preskritt.** | | | | | | | | | |

7.3. Imla t-tabella ta' hawn taħt jekk il-konċentrazzjoni twassal għal relazzjonijiet vertikali li jaqgħu taħt il-punt 8 tal-Avviż dwar il-Proċedura Simplifikata. Għandek tirreplika t-tabella kemm-il darba tkun meħtieġ biex tkopri s-swieq plawżibbli kollha li tkun ikkunsidrajt:[26]

[26] Pereżempju, jekk fir-rigward tar-relazzjoni vertikali bejn is-suq upstream U u s-suq downstream D, inti kkunsidrat id-definizzjonijiet plawżibbli tas-suq upstream U1 u U2, għandek tinkludi żewġ tabelli: waħda li tinkludi informazzjoni dwar U1 u D u waħda li tinkludi informazzjoni dwar U2 u D.

**Relazzjonijiet vertikali — Ishma tas-suq**

***UPSTREAM***

| Preċedenti (inkludi referenza għall-paragrafi rilevanti) | Suq tal-prodotti plawżibbli kkunsidrat | Suq ġeografiku plawżibbli kkunsidrat | Fornitur | Is-sena X -2 | | Is-sena X -1 | | Is-sena X | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Valur | Volum | Valur | Volum | Valur | Volum |
| | | | Impriża kkonċernata 1 | % | % | % | % | % | % |
| | | | Impriża kkonċernata 2 | % | % | % | % | % | % |
| | | | Impriża kkonċernata 3 | % | % | % | % | % | % |
| | | | **Kombinat** | % | % | % | % | % | % |
| | | | Kompetitur 1 | **Timliex.** | | | | % | % |
| | | | Kompetitur 2 | | | | | % | % |
| | | | Kompetitur 3 | | | | | % | % |
| | | | Oħrajn | | | | | % | % |
| | | | Totali | 100 % | 100 % | 100 % | 100 % | 100 % | 100 % |
| | | | Id-daqs tas-suq | EUR | | EUR | | EUR | |

**Iddeskrivi l-attivitajiet tal-partijiet f'dan is-suq:**

**Ipprovdi aktar dettalji hawnhekk (b'mod partikolari jekk ma hemm l-ebda preċedent, għandek tipprovdi l-fehmiet tal-partijiet dwar id-definizzjoni tas-suq tal-prodott/ġeografiku)]:**

**Metriċi, sorsi u metodoloġija segwiti għall-kalkolu tas-sehem mis-suq. Jekk il-valur u l-volum mhumiex l-aktar metriċi komuni għall-kalkolu tas-sehem tas-suq fis-swieq rilevanti, għandek tipprovdi ishma tas-suq ibbażati fuq metriċi alternattivi u tispjega.**

**Ipprovdi d-dettalji ta' kuntatt tal-Kompetitur 1, il-Kompetitur 2, u l-Kompetitur 3 fil-format preskritt.**

***DOWNSTREAM***

| Preċedenti (inkludi referenza għall-paragrafi rilevanti) | Suq tal-prodotti plawżibbli kkunsidrat | Suq ġeografiku plawżibbli kkunsidrat | Fornitur | Is-sena X -2 | | Is-sena X -1 | | Is-sena X | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Valur | Volum | Valur | Volum | Valur | Volum |
| | | | Impriża kkonċernata 1 | % | % | % | % | % | % |
| | | | Impriża kkonċernata 2 | % | % | % | % | % | % |
| | | | Impriża kkonċernata 3 | % | % | % | % | % | % |
| | | | **Kombinat** | % | % | % | % | % | % |
| | | | Kompetitur 1 | **Timliex.** | | | | % | % |
| | | | Kompetitur 2 | | | | | % | % |
| | | | Kompetitur 3 | | | | | % | % |
| | | | Oħrajn | | | | | % | % |
| | | | Totali | | | | | 100 % | 100 % |
| | | | Id-daqs tas-suq | EUR | | EUR | | EUR | |

**Iddeskrivi l-attivitajiet tal-partijiet f'dan is-suq:**

**Ipprovdi aktar dettalji hawnhekk (b'mod partikolari jekk ma hemm l-ebda preċedent, għandek tipprovdi l-fehmiet tal-partijiet dwar id-definizzjoni tas-suq tal-prodott/ġeografiku)]:**

**Metriċi, sorsi u metodoloġija segwiti għall-kalkolu tas-sehem mis-suq. Jekk il-valur u l-volum mhumiex l-aktar metriċi komuni għall-kalkolu tas-sehem tas-suq fis-swieq rilevanti, għandek tipprovdi ishma tas-suq ibbażati fuq metriċi alternattivi u tispjega.**

**Ipprovdi d-dettalji ta' kuntatt tal-Kompetitur 1, il-Kompetitur 2, u l-Kompetitur 3 fil-format preskritt.**

### 7.4. Salvagwardji u esklużjonijiet

Jekk jogħġbok imla din l-informazzjoni dwar is-swieq identifikati fit-Taqsimiet 7.2 u 7.3[27].

| | |
|---|---|
| Kwalunkwe waħda mill-partijiet għall-konċentrazzjoni għandha parteċipazzjonijiet azzjonarji nonkontrollanti sinifikanti (jiġifieri aktar minn 10 %) jew inkroċjati f'kumpaniji attivi fl-istess swieq jew swieq relatati vertikalment minn kwalunkwe waħda mill-partijiet l-oħra (eż. il-kumpanija akkwirenti għandha parteċipazzjoni azzjonarja minoritarja nonkontrollanti jew diretturi komuni f'kumpanija attiva fl-istess suq bħall-kumpanija fil-mira). | ☐ Iva<br>☐ Le |
| Wieħed jew aktar mill-kompetituri tal-partijiet għandhom parteċipazzjoni azzjonarja sinifikanti mingħajr kontroll (jiġifieri aktar minn 10 %) fi kwalunkwe waħda mill-impriżi kkonċernati.<br>Jekk iva:<br>Indika l-parteċipazzjoni azzjonarja %:<br>Indika d-drittijiet marbuta mal-parteċipazzjoni azzjonarja: | ☐ Iva<br>☐ Le |
| Il-partijiet jippossjedu jew jikkontrollaw assi teknoloġiċi, finanzjarji jew ta' valur kompetittiv importanti, bħall-materja prima, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-privattivi, id-data jew l-infrastruttura. | ☐ Iva<br>☐ Le |
| Il-partijiet huma attivi fi swieq ġirien relatati mill-qrib u kwalunkwe waħda mill-partijiet individwalment għandha sehem mis-suq ta' 30 % jew aktar fi kwalunkwe wieħed minn dawn is-swieq taħt kwalunkwe definizzjoni plawżibbli tas-suq. | ☐ Iva<br>☐ Le |
| Il-partijiet għandhom bażi ta' utenti sinifikanti u/jew inventarji tad-*data* ta' valur kummerċjali. | ☐ Iva<br>☐ Le |
| Il-konċentrazzjoni se tippermetti lill-entità fuża tikseb aċċess għal informazzjoni kummerċjalment sensittiva rigward l-attivitajiet upstream jew downstream tar-rivali. | ☐ Iva<br>☐ Le |
| Għad hemm inqas minn tliet kompetituri b'ishma tas-suq ogħla minn 5 % fi kwalunkwe wieħed mis-swieq li jagħtu lok għal trikkib orizzontali jew relazzjonijiet vertikali taħt kwalunkwe definizzjoni plawżibbli tas-suq. | ☐ Iva<br>☐ Le |
| Il-limiti tas-sehem mis-suq rilevanti jinqabżu f'termini ta' kapaċità jew produzzjoni taħt kwalunkwe definizzjoni plawżibbli tas-suq. | ☐ Iva<br>☐ Le<br>☐ Mhux applikabbli |

[27] Imla tabella waħda biss għas-swieq kollha li jaqgħu taħt il-punt 8 tal-Avviż dwar il-Proċedura Simplifikata li għalihom ma tapplika l-ebda waħda mis-salvagwardji/esklużjonijiet (jiġifieri, it-tweġiba għall-mistoqsijiet kollha fit-Taqsima 7.4 hija "Le"). Għal kull suq li jaqa' taħt il-punt 8 tal-Avviż dwar Proċedura Simplifikata li għalih it-tweġiba għal mill-inqas mistoqsija waħda hija "Iva", għandek tipprovdi tabella separata.

| | |
|---|---|
| Il-partijiet (jew waħda minnhom) huma parteċipanti reċenti fis-swieq li jikkoinċidu (jiġifieri daħlu fis-suq fl-aħħar tliet snin). | ☐ Iva<br>☐ Le |
| L-attivitajiet tal-partijiet jikkoinċidu jew għandhom relazzjoni vertikali fi prodotti differenzjati ħafna. Indika jekk:<br><br>ir-rikonoxximent tal-marka kummerċjali huwa importanti fi kwalunkwe wieħed mis-swieq li jikkoinċidu;<br><br>il-postijiet tal-fergħat jew tal-ħażniet huma importanti fi kwalunkwe wieħed mis-swieq li jikkoinċidu;<br><br>l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-kwalità jew il-livell ta' servizz huma importanti fi kwalunkwe wieħed mis-swieq li jikkoinċidu;<br><br>ir-reklamar huwa importanti fi kwalunkwe wieħed mis-swieq li jikkoinċidu. | ☐ Iva<br>☐ Le<br><br>☐ Iva<br>☐ Le<br><br>☐ Iva<br>☐ Le<br><br>☐ Iva<br>☐ Le<br><br>☐ Iva<br>☐ Le |
| Il-partijiet huma innovaturi importanti fis-swieq li jikkoinċidu.<br><br>Il-partijiet introduċew fis-suq prodott li qed jiġu żviluppati importanti f'dawn l-aħħar 5 snin.<br><br>L-attività ewlenija ta' kumpanija waħda jew aktar tiffoka fuq ir-R&Ż<br>Nefqa f'termini ta' R&Ż ***[test miftuħ — jekk jogħġbok ipprovdi f'miljuni ta' EUR]*** | ☐ Iva<br>☐ Le<br><br>☐ Iva<br>☐ Le<br><br>☐ Iva<br>☐ Le |
| Il-konċentrazzjoni tagħti lok għal trikkib bejn pajpijiet u pajpijiet jew prodotti minn pajpijiet biex jitqiegħdu fis-suq | ☐ Iva<br>☐ Le |
| Waħda mill-partijiet għandha pjanijiet li tespandi fi swieq ta' prodotti u/jew swieq ġeografiċi li fihom parti oħra għall-konċentrazzjoni hija attiva jew li huma f'relazzjoni vertikali ma' swieq li fihom parti oħra għall-konċentrazzjoni hija attiva.<br>Spjega l-prodotti jew is-servizzi kkonċernati minn tali pjanijiet u ż-żmien tagħhom: ***[test miftuħ]*** | ☐ Iva<br>☐ Le |

| | |
|---|---|
| Fil-ktajjen tal-produzzjoni b'aktar minn żewġ livelli, l-ishma mis-suq individwali jew ikkombinati tal-partijiet jaqbżu l30 % fi kwalunkwe wieħed mil-livelli tal-katina tal-valur (f'termini ta' valur, volum, produzzjoni jew kapaċità) | ☐ Iva<br>☐ Le |
| **Jekk weġibt "iva" għal xi waħda mill-mistoqsijiet ta' hawn fuq, spjega għaliex fil-fehma tiegħek is-suq ikkonċernat ma jagħtix lok għal tħassib dwar il-kompetizzjoni u agħti d-dettalji rilevanti kollha:** ***[test miftuħ]*** | |

# TAQSIMA 8

## INFORMAZZJONI DWAR SWIEQ AFFETTWATI U SWIEQ LI JINVOLVU PRODOTTI PPJANATI

8.1. Fir-rigward ta' kull suq affettwat orizzontalment, kull suq affettwat vertikalment u kull wieħed mis-swieq l-oħra fejn l-operazzjoni notifikata jista' jkollha impatt sinifikanti, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja għal kull waħda mill-aħħar tliet snin:

8.1.1. għal kull waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni, it-tip tan-negozju tal-impriża, is-sussidjarji attivi ewlenin u/jew il-marki, l-ismijiet tal-prodotti u/jew il-marki kummerċjali użati f'kull wieħed minn dawn is-swieq;

8.1.2. stima tad-daqs totali tas-suq f'termini ta' valur tal-bejgħ (f'euro) u volum (unitajiet)[28]. Indika l-bażi u s-sorsi għall-kalkoli u pprovdi d-dokumenti fejn jinsabu biex tikkonferma dawn il-kalkoli;

8.1.3. għal kull waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni, il-bejgħ fil-valur u l-volum, kif ukoll stima tal-ishma tas-suq;

8.1.4. stima tas-sehem mis-suq f'valur (u fejn xieraq, il-volum) tal-kompetituri kollha (inklużi l-importaturi) li tal-inqas għandhom 5 % tas-suq relevanti li qed jinbena. Identifika s-sorsi użati għal-kalkolazzjoni ta' dawn l-ishma tas-suq u ipprovdi dokumenti, meta disponibli, sabiex jikkonfermaw il-kalkolu;

8.1.5. stima tal-kapaċità totali fis-swieq rilevanti. Għandek tindika liema proporzjon ta' din il-kapaċità ġiet ikkunsidrata matul l-aħħar tliet snin minn kull waħda minn dawn il-partijiet fil-konċentrazzjoni, u x'kienu r-rati rispettivi ta' użu tal-kapaċità tagħhom. Jekk huma applikabbli, identifika l-post u l-kapaċità tal-faċilitajiet ta' manifattura ta' kull waħda mill-partijiet għall-konċentrazzjoni fis-swieq affettwati;

8.1.6. informazzjoni dwar prodotti ppjanati tal-partijiet u l-kompetituri tagħhom (inkluż l-istadju tal-iżvilupp tagħhom, stima tal-bejgħ proġettat u l-ishma tas-suq tal-partijiet għall-konċentrazzjoni matul it-tliet sa ħames snin li ġejjin).

### Informazzjoni dwar trikkib orizzontali u relazzjonijiet vertikali li jinvolvu prodotti li qed jiġu żviluppati

8.2. Fir-rigward ta' kull prodott rilevanti plawżibbli u definizzjoni tas-suq ġeografiku, fejn hemm sovrapożizzjoni orizzontali jew relazzjoni vertikali li tinvolvi (i) prodott wieħed jew aktar kummerċjalizzat ta' parti waħda jew aktar għall-konċentrazzjoni u prodott

[28] Il-valur u l-volum ta' suq għandhom jirriflettu l-produzzjoni mingħajr l-esportazzjonijiet flimkien mal-importazzjonijiet għaż-żoni ġeografiċi li jkunu qed jiġu kkunsidrati.

wieħed jew aktar ta' partijiet oħra għall-konċentrazzjoni[29] jew (ii) prodotti li qed jiġu żviluppati tal-partijiet għall-konċentrazzjoni, għandek tipprovdi l-informazzjoni inkluża fit-tabelli ta' hawn taħt:

[29] Din it-taqsima ma għandhiex għalfejn timtela jekk tkun żvelajt din l-informazzjoni fit-taqsima 8.1.6 fir-rigward tal-istess prodotti li qed jiġu żviluppati.

| Trikkib orizzontali li jinvolvi prodotti li qed jiġu żviluppati | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Preċedenti (inkludi referenza għall-paragrafi rilevanti)** | **Suq tal-prodotti plawżibbli kkunsidrat** | **Suq ġeografiku plawżibbli kkunsidrat** | **Fornitur** | **Is-sena X-2**[30] | | **Is-sena X -1** | | **Is-sena X** | | **Prodotti li qed jiġu żviluppati**[31] **(Ipprovdi l-isem)** |
| | | | | **Valur** | **Volum** | **Valur** | **Volum** | **Valur** | **Volum** | |
| | | | Impriża kkonċernata 1 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Impriża kkonċernata 2 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Impriża kkonċernata 3 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | **Kombinat** | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Kompetitur 1 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Kompetitur 2 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Kompetitur 3 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Oħrajn | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Totali | 100 % | 100 % | 100 % | 100 % | 100 % | 100 % | **Timliex.** |
| | | | Id-daqs tas-suq | EUR | | EUR | | EUR | | |
| **Iddeskrivi l-attivitajiet tal-partijiet f'dan is-suq:** | | | | | | | | | | |
| **Ipprovdi aktar dettalji hawnhekk (b'mod partikolari jekk ma hemm l-ebda preċedent, għandek tipprovdi l-fehmiet tal-partijiet dwar id-definizzjoni tas-suq tal-prodott/ġeografiku)]:** | | | | | | | | | | |
| **Metriċi, sorsi u metodoloġija segwiti għall-kalkolu tas-sehem mis-suq. Jekk il-valur u l-volum mhumiex l-aktar metriċi komuni għall-kalkolu tas-sehem tas-suq fis-swieq rilevanti, għandek tipprovdi ishma tas-suq ibbażati fuq metriċi alternattivi u tispjega.** | | | | | | | | | | |
| **Ipprovdi informazzjoni dwar il-prodotti li qed jiġu żviluppati tal-partijiet u l-kompetituri tagħhom (inkluż l-istadju tal-iżvilupp tagħhom, stima tal-bejgħ proġettat u l-ishma tas-suq tal-partijiet għall-konċentrazzjoni matul it-tliet sa ħames snin li ġejjin).** | | | | | | | | | | |
| **Ipprovdi d-dettalji ta' kuntatt tal-Kompetitur 1, il-Kompetitur 2, u l-Kompetitur 3 fil-format preskritt.** | | | | | | | | | | |

30 Ipprovdi ishma tas-suq jekk waħda jew aktar mill-partijiet tkun ikkummerċjalizzat il-prodotti.

31 Ipprovdi ishma tas-suq għall-kompetituri bi prodotti kummerċjalizzati. Jekk ma jkunx hemm prodotti kkummerċjalizzati, jekk jogħġbok ipprovdi mill-inqas tliet kompetituri li jiżviluppaw prodotti kompetituri.

| Relazzjonijiet Vertikali li Jinvolvu Prodotti li qed jiġu żviluppati | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *UPSTREAM* | | | | | | | | | | |
| **Preċedenti (jekk jogħġbok inkludi referenza għall-paragrafi rilevanti)** | **Suq tal-prodotti plawżibbli kkunsidrat** | **Suq ġeografiku plawżibbli kkunsidrat** | **Fornitur** | **Is-sena X-2**[32] | | **Is-sena X -1** | | **Is-sena X** | | **Prodotti li qed jiġu żviluppati (Ipprovdi Isem)**[33] |
| | | | | **Valur** | **Volum** | **Valur** | **Volum** | **Valur** | **Volum** | |
| | | | Impriża kkonċernata 1 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Impriża kkonċernata 2 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Impriża kkonċernata 3 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | **Kombinat** | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Kompetitur 1 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Kompetitur 2 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Kompetitur 3 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Oħrajn | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Totali | 100 % | 100 % | 100 % | 100 % | 100 % | 100 % | **Timliex.** |
| | | | Id-daqs tas-suq | EUR | | EUR | | EUR | | |
| **Iddeskrivi l-attivitajiet tal-partijiet f'dan is-suq:** | | | | | | | | | | |
| **Ipprovdi aktar dettalji hawnhekk (b'mod partikolari jekk ma hemm l-ebda preċedent, għandek tipprovdi l-fehmiet tal-partijiet dwar id-definizzjoni tas-suq tal-prodott/ġeografiku)]:** | | | | | | | | | | |
| **Metriċi, sorsi u metodoloġija segwiti għall-kalkolu tas-sehem mis-suq. Jekk il-valur u l-volum mhumiex l-aktar metriċi komuni għall-kalkolu tas-sehem tas-suq fis-swieq rilevanti, għandek tipprovdi ishma tas-suq ibbażati fuq metriċi alternattivi u tispjega.** | | | | | | | | | | |
| **Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar il-prodotti ppjanati tal-partijiet u l-kompetituri tagħhom (inkluż l-istadju tal-iżvilupp tagħhom, stima tal-bejgħ ipproġettat u l-ishma tas-suq tal-partijiet għall-konċentrazzjoni matul it-tliet sa ħames snin li ġejjin).** | | | | | | | | | | |
| **Ipprovdi d-dettalji ta' kuntatt tal-Kompetitur 1, il-Kompetitur 2, u l-Kompetitur 3 fil-format preskritt.** | | | | | | | | | | |
| *DOWNSTREAM* | | | | | | | | | | |
| **Preċedenti (jekk jogħġbok inkludi referenza għall-paragrafi rilevanti)** | **Suq tal-prodotti plawżibbli kkunsidrat)** | **Suq ġeografiku plawżibbli kkunsidrat** | **Fornitur** | **Is-sena X-2**[34] | | **Is-sena X -1** | | **Is-sena X** | | **Prodotti li qed jiġu żviluppati (Ipprovdi l-Isem)**[35] |
| | | | | **Valur** | **Volum** | **Valur** | **Volum** | **Valur** | **Volum** | |
| | | | Impriża kkonċernata 1 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Impriża kkonċernata 2 | % | % | % | % | % | % | |

[32] Ipprovdi ishma tas-suq jekk waħda jew aktar mill-partijiet tkun ikkummerċjalizzat il-prodotti.

[33] Ipprovdi ishma tas-suq għall-kompetituri bi prodotti kummerċjalizzati. Jekk ma jkunx hemm prodotti kkummerċjalizzati, jekk jogħġbok elenka mill-inqas tliet kompetituri li jiżviluppaw prodotti kompetituri.

[34] Ipprovdi ishma tas-suq jekk waħda jew aktar mill-partijiet tkun ikkummerċjalizzat il-prodotti.

[35] Ipprovdi ishma tas-suq għall-kompetituri bi prodotti kummerċjalizzati. Jekk ma jkunx hemm prodotti kkummerċjalizzati, jekk jogħġbok elenka mill-inqas tliet kompetituri li jiżviluppaw prodotti kompetituri.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impriża kkonċernata 3 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | **Kombinat** | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Kompetitur 1 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Kompetitur 2 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Kompetitur 3 | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Oħrajn | % | % | % | % | % | % | |
| | | | Totali | 100 % | 100 % | 100 % | 100 % | 100 % | 100 % | **Timliex.** |
| | | | Id-daqs tas-suq | EUR | | EUR | | EUR | | |
| **Iddeskrivi l-attivitajiet tal-partijiet f'dan is-suq:** | | | | | | | | | | |
| **Ipprovdi aktar dettalji hawnhekk (b'mod partikolari jekk ma hemm l-ebda preċedent, għandek tipprovdi l-fehmiet tal-partijiet dwar id-definizzjoni tas-suq tal-prodott/ġeografiku)]:** | | | | | | | | | | |
| **Metriċi, sorsi u metodoloġija segwiti għall-kalkolu tas-sehem mis-suq. Jekk il-valur u l-volum mhumiex l-aktar metriċi komuni għall-kalkolu tas-sehem tas-suq fis-swieq rilevanti, għandek tipprovdi ishma tas-suq ibbażati fuq metriċi alternattivi u tispjega.** | | | | | | | | | | |
| **Ipprovdi informazzjoni dwar il-prodotti li qed jiġu żviluppati tal-partijiet u l-kompetituri tagħhom (inkluż l-istadju tal-iżvilupp tagħhom, stima tal-bejgħ proġettat u l-ishma tas-suq tal-partijiet għall-konċentrazzjoni matul it-tliet sa ħames snin li ġejjin).** | | | | | | | | | | |
| **Ipprovdi d-dettalji ta' kuntatt tal-Kompetitur 1, il-Kompetitur 2, u l-Kompetitur 3 fil-format preskritt.** | | | | | | | | | | |

# TAQSIMA 9

## L-ISTRUTTURA TAL-PROVVISTA FIS-SWIEQ AFFETTWATI

9.1. Ipprovdi spjegazzjoni qasira dwar l-istruttura tal-provvista f'kull wieħed mis-swieq affettwati. B'mod partikolari għandek tispeċifika:

(a) kif jiffunzjonaw dawn is-swieq;

(b) il-mod li bih il-partijiet fil-konċentrazzjoni u l-akbar kompetituri tagħhom jipproduċu u jbigħu l-prodotti u/jew is-servizzi (pereżempju, jekk il-partijiet fil-konċentrazzjoni u l-akbar kompetituri tagħhom jimmanifatturawx u jbigħu lokalment);

(c) il-mod li bih l-partijiet għall-konċentrazzjoni jipproduċu u jbiegħu l-prodotti u/jew servizzi;

(d) in-natura u l-medda ta' l-integrazzjoni vertikali ta' kull waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni meta mqabbla ma l-akbar kompetituri tagħhom.

### L-istruttura tad-domanda fis-swieq affettwati

9.2. Ipprovdi spjegazzjoni fil-qosor tal-istruttura tad-domanda f'kull suq affettwat, billi b'mod partikolari tispeċifika:

(a) il-fażijiet tas-swieq f'termini ta', pereżempju, avvjament, espansjoni, maturità, tnaqqis, u tbassir tar-rata ta' tkabbir tad-domanda;

(b) l-importanza tal-preferenzi tal-klijenti, pereżempju f'termini ta' lealtà lejn il-marka, il-forniment ta' servizzi ta' qabel u ta' wara l-bejgħ, il-forniment ta' firxa sħiħa ta' prodotti, jew l-effetti tan-netwerks;

(c) ir-rwol tal-ispejjeż (f'termini ta' żmien u spejjeż) li jġarrbu l-klijenti meta jibdlu bejn fornitur u ieħor

(i) prodotti eżistenti;

(ii) fir-rigward ta' prodotti ġodda li jieħdu post prodotti eżistenti (inkluż il-perjodu normali ta' żmien tal-kuntratti tal-klijenti);

(d) il-livell ta' konċentrazzjoni jew varjazzjoni tal-klijenti;

(e) il-mod li bih il-klijenti jixtru l-prodotti jew servizzi ikkonċernati, b'mod partikolari jekk jużawx tekniki tal-akkwist bħal talbiet għal proċeduri ta' proposti u offerti.

## TAQSIMA 10

### ID-DIFFERENZAZZJONI TAL-PRODOTTI U L-PROSSIMITÀ TAL-KOMPETIZZJONI

10.1. Ipprovdi spjegazzjoni fil-qosor tal-livell ta' differenzazzjoni tal-prodotti f'kull suq affettwat, billi b'mod partikolari tispeċifika:

(a) ir-rwol u l-importanza tad-differenzazzjoni tal-prodotti f'termini ta' kwalità ("differenzazzjoni vertikali") u karatteristiċi oħrajn tal-prodotti ("differenzazzjoni orizzontali" u "spazjali");

(b) kwalunkwe segmentazzjoni ta' klijenti fi gruppi differenti b'deskrizzjoni tal-"klijent tipiku" għal kull grupp; u

(c) ir-rivalità bejn il-partijiet għall-konċentrazzjoni b'mod ġenerali, kif ukoll il-qrubija tas-sostituzzjoni bejn il-prodotti tal-partijiet għall-konċentrazzjoni, inkluż għal kull wieħed mill-gruppi tal-klijenti u l-"klijenti tipiċi" identifikati bħala reazzjoni għall-kwistjoni fil-punt(b).

### Sistemi ta' distribuzzjoni u networks ta' servizzi

10.2. Ipprovdi deskrizzjoni qasira ta':

(a) is-sistemi ta' distribuzzjoni ewlenin fis-suq u l-importanza tagħhom, u sa liema punt id-distribuzzjoni titwettaq minn partijiet terzi u/jew impriżi li jagħmlu parti mill-istess grupp tal-partijiet, kif ukoll l-importanza tal-kuntratti ta' distribuzzjoni esklużiva u tipi oħrajn ta' kuntratti fit-tul; u

(b) in-netwerks ewlenin tas-servizz (pereżempju, il-manutenzjoni u t-tiswija) u l-importanza tagħhom f'dawn is-swieq. Dawn is-servizzi kemm jiġu pprovduti minn partijiet terzi u/jew impriżi li jagħmlu parti mill-istess grupp tal-partijiet?

### Id-dħul u l-ħruġ mis-suq

10.3. Tul l-aħħar ħames snin, kien hemm xi dħul importanti f'xi suq affettwat? Jekk iva, identifka lil dawk li daħlu ġodda u pprovdi stima tas-sehem attwali mis-suq ta' kull wieħed minnhom.

10.4. Fil-fehma tal-partijiet notifikanti, hemm impriżi (inklużi dawk li bħalissa joperaw biss barra l-UE jew iż-ŻEE) li x'aktarx li jidħlu f'xi suq affettwat? Jekk iva, spjega għaliex dak id-dħul huwa probabbli li jseħħ u pprovdi stima taż-żmien li fih x'aktarx li jseħħ.

10.5. Agħti deskrizzjoni qasira tal-fatturi ewlenin li jinfluwenzaw id-dħul f'kull wieħed mis-swieq affettwati, filwaqt li teżamina d-dħul kemm minn perspettiva ġeografika kif ukoll tal-prodott. Inti u tagħmel dan ikkunsidra l-punti li ġejjin, fejn xieraq:

(a) l-ispejjeż totali tad-dħul (R&Ż, produzzjoni, it-twaqqif ta' sistemi ta' distribuzzjoni, promozzjoni, reklamar, servizzjar, u l-bqija) fuq skala ekwivalenti għal kompetitur importanti vijabbli, fejn tindika s-sehem mis-suq ta' dak il-kompetitur;

(b) kwalunkwe ostakli legali jew regolatorji għad-dħul, bħal awtorizzazzjoni mill-gvern jew it-twaqqif ta' standards fi kwalunkwe forma;

(c) kwalunkwe ostaklu għall-aċċess tal-klijenti, bħal dawk li jirriżultaw minn proċeduri ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti, jew l-importanza tar-reputazzjoni u esperjenza imgħoddija soda;

(d) kwalunkwe bżonn u possibbiltà li jinkiseb aċċess għal privattivi, għarfien jew drittijiet tal-proprjetà intellettwali oħrajn f'dawn is-swieq;

(e) kemm kull waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni huma detenturi, ċessjonarji jew ċedenti ta' privattivi, għarfien jew drittijiet tal-proprjetà intellettwali oħrajn fis-swieq relevanti;

(f) l-importanza tal-ekonomiji tal-kobor u tal-ambitu u l-effetti tan-netwerk fuq il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' prodotti u/jew servizzi fis-swieq affettwati; u

(g) l-aċċess għall-għejun tal-provvista, bħad-disponibbiltà ta' materja prima u l-infrastruttura neċessarja.

10.6. Spjega jekk xi waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni, jew xi wieħed mill-kompetituri, għandhomx prodotti li qed jiġu żviluppati[36] jew pjanijiet ta' espansjoni tal-produzzjoni jew tal-kapaċità tal-bejgħ f'xi wieħed mis-swieq affettwati. Jekk iva, ipprovdi stima tal-bejgħ u l-ishma mis-suq previsti tal-partijiet fil-konċentrazzjoni tul it-tliet sa ħames snin li ġejjin.

10.7. Indika jekk kienx hemm xi ħruġ minn xi suq affettwat matul l-aħħar ħames snin. Jekk iva, identifika l-impriża li ħarġet mis-suq u agħti stima tas-sehem mis-suq li kellha fis-sena qabel ħarġet.

**Ir-riċerka u l-iżvilupp**

10.8. Fir-rigward tas-swieq affettwati spjega l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp fil-ħila tal-impriża li tikkompeti fit-tul. Spjega it-tip tar-riċerka u l-iżvilupp fis-swieq affettwati mwettqa mill-partijiet għall-konċentrazzjoni. Meta tagħmel dan, fejn xieraq, qis dan li ġej:

(a) ix-xejriet u l-intensitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp f'dawn is-swieq u għall-partijiet fil-konċentrazzjoni; L-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp tista' tintwera min-nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp; l-għadd ta' impjegati ddedikati għar-riċerka u l-iżvilupp (f'termini ta' ekwivalenti ta' impjegati full time); l-għadd u l-importanza tal-faċilitajiet ta' riċerka u żvilupp; jew l-għadd ta' privattivi ppreżentati matul l-aħħar tliet snin;

(b) kif seħħ l-iżvilupp teknoloġiku fir-rigward ta' dawn is-swieq tul perjodu ta' żmien xieraq (inkluża l-frekwenza tal-varar ta' prodotti u/jew servizzi ġodda, żviluppi fi prodotti u/jew servizzi, proċessi tal-produzzjoni, sistemi ta' distribuzzjoni, u l-bqija); u

(c) l-ippjanar tar-riċerka u l-prijoritajiet li l-partijiet għall-konċentrazzjoni għandhom matul it-tliet snin li ġejjin.

---

[36] B'referenza għat-tweġiba tiegħek għat-Taqsimiet 8.1.6 u 8.2 hawn fuq.

**Dettalji ta' kuntatt**

10.9. Ipprovdi l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-fax u l-indizz e-mail tal-kap tad-dipartiment legali (jew ta' xi persuna oħra li teżerċita funzjonijiet simili; u fil-każi meta ma jkunx hemm tali persuna, allura l-eżekuttiv ewlieni)[37].

(a) il-kompetituri identifikati fit-taqsima 8.2;

(b) kull wieħed mill-iktar ħames klijenti importanti tal-partijiet f'kull wieħed mis-swieq affettwati;

(c) dawk li daħlu ġodda identifikati fit-taqsima 10.3; u kif ukoll

(d) dawk li potenzjalment jistgħu jidħlu identifikati fit-taqsima 10.4;

Id-dettalji ta' kuntatt iridu jingħataw billi jintuża l-mudell tal-Kummissjoni li jinsab fuq il-websajt tad-DĠ Kompetizzjoni.

[37] Fi kwalunkwe żmien, inkluż għal notifika sħiħa ta' konċentrazzjoni fuq il-bażi ta' din il-Formola CO, il-Kummissjoni tista' titlob għadd ikbar ta' dettalji ta' kuntatt għal kull waħda mill-kategoriji ta' parteċipanti fis-suq identifikati f'din il-Formola CO u titlob dettalji ta' kuntatt għal kategoriji oħrajn tal-parteċipanti fis-suq, pereżempju l-fornituri.

## TAQSIMA 11

### EFFIĊJENZI

Jekk tixtieq li l-Kummissjoni tqis b'mod speċifiku mill-bidu nett[38] jekk il-gwadanni fl-effiċjenza ġġenerati mill-konċentrazzjoni aktarx li jsaħħu l-ħila u l-inċentiv tal-entità l-ġdida biex taġixxi b'mod proattiv għall-benefiċċju tal-konsumatur, ipprovdi deskrizzjoni ta', u dokumenti ta' appoġġ relatat ma', kull effiċjenza (inkluż l-iffrankar fi spejjeż, introduzzjonijiet ta' prodotti ġodda u titjib fis-servizzi jew fil-prodotti) li l-partijiet jantiċipaw li se tirriżulta mill-konċentrazzjoni proposta relatata ma' kwalunkwe prodott relevanti[39].

Għal kull effiċjenza ddikjarata, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) spjegazzjoni dettaljata dwar kif il-konċentrazzjoni proposta tippermetti lill-entità l-ġdida tikseb l-effiċjenza. Speċifika l-passi li l-partijiet jantiċipaw li jieħdu biex jiksbu l-effiċjenza, ir-riskji involuti biex tinkiseb l-effiċjenza u ż-żmien u l-ispejjeż meħtieġa biex tinkiseb;

(b) fejn dan ikun raġonevolment possibbli, ipprovdi kwantifikazzjoni tal-effiċjenza u spjegazzjoni dettajalta ta' kif ġiet ikkalkolata l-kwantifikazzjoni. Fejn din tkun relevanti, ipprovdi wkoll stima tal-importanza tal-effiċjenzi relatati mal-introduzzjonijiet ta' prodotti ġodda jew titjib fil-kwalità. Għal effiċjenzi li jinvolvu ffrankar tal-ispejjeż, iddikjara b'mod separat l-iffrankar tal-ispejjeż fissi ta' darba, l-iffrankar tal-ispejjeż fissi rikorrenti, u l-iffrankar tal-ispejjeż varjabbli (f'EUR għal kull unità u f'EUR fis-sena);

(c) il-medda li dwarha il-klienti aktarx li jibbenefikaw mill-effiċċjenza u spjegazzjoni dettaljata ta' kif tkun saret din il-kalkolazzjoni;

(d) ir-raġuni għaliex il-parti jew partijiet ma setgħux jiksbu l-effiċjenza b'mod simili b'xi mod ieħor minbarra permezz tal-konċentrazzjoni proposta, u b'mod li aktarx ma jqajjimx tħassib dwar il-kompetizzjoni.

---

[38] In-nuqqas ta' forniment tal-informazzjoni mitluba fuq l-effiċjenzi fil-fażi ta' notifka ma jipprekludix il-forniment ta' informazzjoni iktar tard. Madankollu, iktar ma l-informazzjoni tiġi fornita kmieni, aktar il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika d-dikjarazzjoni ta' effiċjenza.

[39] Għal iktar gwida fuq il-valutazzjoni tal-effiċjenzi, ara l-Linji Gwida tal-Kummissjoni fuq il-valutazzjoni tal-amalgamazzjonijiet orizzontali skont ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU C 31, 5.2.2004, p. 5).

## TAQSIMA 12

### L-EFFETTI KOOPERATTIVI TA’ IMPRIŻA KONĠUNTA

Fil-każ ta’ impriża konġunta, għall-fini tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004, wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin:

(a) Żewġ kumpaniji prinċipali jew iktar iwettqu attivitajiet sa ċertu livell importanti fl-istess suq bħala l-impriża konġunta jew f’suq li huwa upstream jew downstream minn dak tal-impriża konġunta jew f’suq ġar marbut mill-qrib ma’ dan is-suq?

Jekk iva, għal kull wieħed mis-swieq imsemmija hawn indika:

- i) il-fatturat ta’ kull kumpanija prinċipali fis-sena finanzjarja ta’ qabel;
- ii) l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tal-impriża konġunta fir-rigward ta’ dan il-fatturat;
- iii) is-sehem mis-suq ta’ kull kumpanija prinċipali.

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hija iva u fil-fehma tiegħek il-ħolqien tal-impriża konġunta ma jwassalx għal koordinazzjoni bejn impriżi indipendenti li jirrestrinġi l-kompetizzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 101(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (“TFUE”), u, fejn applikabbli, id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Ftehim ŻEE[40], agħti r-raġunijiet tiegħek.

(c) Mingħajr preġudizzju għat-tweġibiet għal (a) u (b) u sabiex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tista’ tagħmel valutazzjoni sħiħa tal-każ, jekk tqis li japplikaw il-kriterji tal-Artikolu 101(3) TFUE u, fejn applikabbli, id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Ftehim ŻEE[41], spjega għaliex dan huwa l-każ. Skont l-Artikolu 101(3) TFUE, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 101(1) TFUE jistgħu jiġu ddikjarati inapplikabbli jekk l-operazzjoni:

- i) tikkontribwixxi sabiex titjieb il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni tal-prodotti, jew biex jiġi promoss il-progress tekniku jew ekonomiku;
- ii) tagħti lill-klijenti sehem xieraq tal-benefiċċju li jirriżulta;
- iii) ma jkun jimponi fuq l-impriżi kkonċernati l-ebda restrizzjonijiet li ma humiex indispensabbli għal l-akkwist ta' dawn l-objettivi; kif ukoll
- iv) ma tagħtix lit-tali impriżi l-possibilità li jeliminaw il-kompetizzjoni fir-rigward ta’ parti sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni.

---

40 Ara l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE.

41 Ara l-Artikolu 53(3) tal-Ftehim ŻEE.

# TAQSIMA 13

## ID-DIKJARAZZJONI

In-notifika trid tikkonkludi bid-dikjarazzjoni li ġejja li għandha tiġi ffirmata minn jew f'isem il-partijiet notifikanti kollha:

*"Il-parti jew partijiet notifikanti jiddikjaraw li l-informazzjoni li taw f'din in-notifika hija vera, korretta u kompluta sa fejn jafu huma, li ġew ipprovduti kopji veri, korretti u sħaħ tad-dokumenti meħtieġa mill-Formola CO, li l-istimi kollha huma identifikati bħala tali u li dawn huma l-aħjar stimi tagħhom tal-fatti sottostanti, u li l-fehmiet espressi kollha huma sinċieri. Jafu bid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14(1) il-punt (a) tar- Regolament dwar l-Għaqdiet."*

Għal formoli ffirmati diġitalment, l-oqsma li ġejjin huma għal skopijiet ta' informazzjoni biss. Dawn għandhom jikkorrispondu mal-metadata tal-firma (firem) elettronika/elettroniċi korrispondenti.

Data:

| | |
|---|---|
| [firmatarju 1] | [firmatarju 2 jekk applikabbli] |
| Isem: | Isem: |
| Organizzazzjoni: | Organizzazzjoni: |
| Pożizzjoni: | Pożizzjoni: |
| Indirizz: | Indirizz: |
| Nru tat-telefon: | Nru tat-telefon: |
| Posta elettronika: | Posta elettronika: |
| ["firma elettronika"/firma] | ["firma elettronika"/firma] |